**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMĦALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 15 ta' Dicembru 2021**

**Rik. Nru. : 24/2020 JPG**

**Kawza nru.: 37**

**SG**

**Vs**

**BG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' SG datat 12 ta' Mejju 2021, li wara li iddikjarat dak premess, talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-artikolu 55 tal Kap 16, kif ukoll,*

2. *Tordna li l-istess ordni tiġi nnotifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u timponi fuqu terminu, sabiex l-istess ordni tiġi debitament reġistrata minn l-istess direttur.*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti flimkien mad-digriet ta' din il-Qorti, ġew debitament notifikati skont il-liġi.

Rat ir-risposta tal-intimat BG, datata 25 ta' Mejju 2021, fejn wara li iddikjara dak premess, issottometta illi:

> *"...ż-żewġ talbiet tar-rikorrenti attriċi għandhom jiġu miċħuda bil-qawwa kollha li tista tesiġi l-liġi fuq il-prinċipji sagri tal-ordinament guridiku nostrana li l-Ġustizzja trid tidher li qedgħa issir u li jkun hemm smiegħ xieraq biex jiġi mdawwal id-dlam li qegħdin isiru tentattivi biex hekk jinżamm: il-konvenut iżda bit-torċa li għandu jrid li jdawwal dana d-dlam. U li din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju tal-proċeduri, u dan billi fid-dawl ta' dana kollu, it-terminazzjoni ta' komunjoni tal-akkwisti tarreka preġudizzju sproporzjonat fuqu, u għalhekk skond il-liġi, din it-terminazzjoni ma għandhiex tiġi ippronunzjata."*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kas;

Rat in-Noti ta' BG datati 23 ta' Novembru 2021;

Semghet t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat**:

Dan huwa digriet dwar talba magħmula mir-rikorrenti SG permezz ta' rikors datat 12 ta' Mejju 2021 fejn hija talbet lil din l-Onorabbli Qorti 1) Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-artikolu 55 tal Kap 16, kif ukoll, 2)Tordna li l-istess ordni tiġi nnotifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u timponi fuqu terminu, sabiex l-istess ordni tiġi debitament reġistrata minn l-istess direttur.

Illi r-rikorrenti tispjega li l-partijiet iżżewwġu nhar is-6 ta' Jannar 2018 u miż-żwieġ tagħhom ma twieldux ulied. Illi fid-29 ta' Marzu 2019, bdew il-proċeduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet u minn dak iż-żmien, il-partijiet qatt ma irrikonċiljaw. Illi ż-żewġ partijiet huma impjegati bi dħul fiss. Ir-rikorrenti tgħid li l-inkartament pertinenti għall-kontijiet bankarji u investimenti tal-partijiet jinsab in atti. Ir-rikorrenti ddikjarat li l-kwistjoni prinċipali ta' bejn il-partijiet hija dwar kalkoli matematiċi ta' x'għandha tieħu kull parti f'benefikati u krediti parafernali wara li l-assi miżmuma in komun bejn il-partijiet jinbiegħu u / jew jiġu assenjati lill-parti jew oħra. Illi iż-żewġ partijiet ħarġu mid-dar matrimonjali u marru lura għand il-familji tagħhom u qed iħallsu d-djun fi kwoti indaqs bejniethom. Ir-rikorrenti finalment

sostniet li it-talba tagħha lill-Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-partijiet bl-ebda mod ma hija sejra tippreġudika lill-intimat, anzi ssostni li huwa fl-interessi taż-żewġ partijiet li jkunu jistgħu jaġixxu f'atti ċivili mingħajr il-kunsens ta' xulxin u ma jibqgħux responsabbli għad-djun li xi ħadd minnhom jista' jagħmel.

Illi da parti tiegħu, l-intimat BG ddikjara li huwa ser ibati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza tal-firda, u jqis li l-komunjoni ghandha tiġi xolta biss wara li jkunu instemgħu il-provi kollha.

**Ikkonsidrat**:

Illi dan huwa digriet wara talba maghmula mir-rikorrenti permezz tar-rikors tal 12 ta' Mejju 2021 fejn talbet lil dina l-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili, qabel ma tingħata is-sentenza finali ta' separazzjoni personali.

Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> ***"Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni talakkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."***

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat. Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> ***"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

B'hekk jingħad illi dan l-artikolu jagħti l-fakolta lill-Qorti sabiex f'kull żmien, matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda, tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata.

Illi bhala regola, il-Qorti ghandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv ghal dawk il-kazi eccezzjonali fejn jigi sodisfacentement ippruvat illi l-waqfien ser igib mieghu preguddizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-ohra.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell, fejn fis-sentenza: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs. Michael Lowell**, deciza fit-30 ta' Ottubru 2015 fejn intqal:

> "***Fil-fehma tal-Qorti l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'zewg stadji. Fl-ewwel stadju l-Qorti tezamina jekk l-oggezzjoni jew l-oggezzjonijiet imressqa humiex oggettivament rilevanti ghall-finijiet stretti tal-artikolu 55 sub-inciz 4. F'kaz li l-oggezzjoni tissupera l-ewwel gharbiel jehtieg li l-Qorti tghaddi sabiex tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeciedi jekk l-oggezzjoni, oggettivament rilevanti, hiex sorretta mill-provi u allura jekk l-intimata ippruvatx sodisfacentement illi fl-ewwel lok ser tbati pregudizzju u fit-tieni lok, dejjem jekk jirrizulta pregudizzju, jekk tali pregudizzju hux proporzjonat jew le. Ezami tal-artiklu 55(4) juri illi mhux kull pregudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni ghal sentenza in parte ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalfika bhala ostaklu ghall-pronunzja ta' tali sentenza.***
>
> ***Is-sub inciz 4 tal-artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti ghandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm il-darba xi parti ma tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat.***

Din l-Qorti taghmel taghha ukoll li-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015 fejn gie ddikjarat illi:

> "***l-pregudizzju mhxu proporzjonat ghandu jigi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna li minn jallegah jrid jipprova ossia illi l-oneru tal-prova incumbit ei qui dicit non ei qui negat;***

Illi wkoll fil-kawza su indikata, u cioe dik fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**, il-Qorti tal-Appell apparti li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal wkoll:

> ***"...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici"***

In vista tal-ligi u tal-gurisprudenza li qed issir referenza ghalihom, din il-Qorti tghaddi biex tezamina jekk l-oggezzjonijiet sollevati mill-intimat humiex: 1. Relevanti għall-finijiet tal-Artikolu 55; u 2. Humiex tali li jissarrfu fi preġudizzju mhux proporzjonat u konsegwentement jiġġustifikaw iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għall-waqfa tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet.

Il-Qorti tirrileva ukoll illi l-waqfien tal-komunjoni **jsehh meta s-sentenza tal-Qorti tghaddi in gudikat u bl-ebda mod ma jkollha effett retroattiv**. Il-Qorti dejjem ikkunsidrat illi dak li sallum huwa formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa` hekk, sakemm ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-decizjoni dwar id-divizjoni tal-proprjeta` tal-partijiet. Dana qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt li dak li qed titlob ir-rikorrenti huwa biss li l-istess komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-sehh, u mhux il-likwidazzjoni tal-istess komunjoni f'dan l-istadju. Dan huwa konformi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**, fuq indikata.

Finalment issir riferenza għas-sentenza tal- **Qorti tal-Appell datata 31 ta' Mejju, 2019 Numru 25 Rikors numru 220/13AL Dorianne Sammut v. Charles Sammut** fejn kien ġie ritenut hekk:

> ***Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghallinqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom***

> ***mhijiex aktar possibli. L-appellanti gia kellha erba' snin qabel id-decizjoni appellata (u issa sitt snin) biex tressaq il-provi taghha u din il-Qorti hija konsapevoli ukoll ta' kemm idumu ghaddejjin dawn il-vertenzi hafna drabi minhabba lusingar tal-partijiet biex iressqu l-provi kollha taghhom.***

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-element ta pregudizzju u kemm-il darba dana jistghax jitqies bhala pregudizzju 'mhux proporzjonat' ai termini ta' subinciz tal-artikolu 55, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-intimat oġġezzjoni ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju tal-proceduri a bażi tal-fatt li l-provi tiegħu għadhom ma bdewx jinstemgħu.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-ligi takkorda ghodda bizzejjed lill-intimat sabiex hu jkun f'posizzjoni li jipprova sodisfacentment l-assiem u l-kontenut tal-komunjoni tal-akkwisti. Illi ghaldaqstant, il-fatt illi l-provi tal-intimat ghadhom ma bdewx jinstemghu, ma tikkwalifikax wahida, bhala pregudizzju mhux proporzjonat.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attrici u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna n-notifika, a spejjez tal-attrici, ta' din is-sentenza in parte lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu fiz-zmien moghti mil-ligi jirregistra il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.**

**Spejjes riservati ghall-vertenza finali.**

**Moqri.**

**Mħallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LLM (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Reġistratur**